MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2014

Citazzjoni Numru. 352/2011

**A B**

**vs**

**C Dbhala eredi tal-mejjet**

**E B hu l-istess C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici li permezz tieghu talbet li l-Qorti tawtorizzaha tezegwixxi t-titolu ezekuttiv taghha derivanti minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet 'A B pro et noe vs E B' (citaz nru 164/95 GV) u dan billi tezegwiha kontra l-konvenuta C Falzon Scerri.

Rat ir-risposta tal-konvenuta li permezz taghha eccepiet: (1) illi l-konvenuta ma hiex l-uniku eredi tal-mejjet E B peress li E B kellu wkoll ulied; u (2) illi t-talba attrici hija preskritta bi trapass taz-zmien.[1]

Rat l-atti;

Rat in-noti ta’ osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni**.

B’sentenza moghtija fil-5 ta’ Ottubru 2001 mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili f’kawza ta’ separazzjoni personali bejn l-attrici u zewgha E B, illum mejjet, il-Qorti kienet ordnat *inter alia* illi l-ispejjez tal-kawza kellhom jigu mhallsa mill-konvenut E B. Sallum l-attrici baqghet ma irceviet l-ebda hlas tal-ispejjez gudizzjarji taghha u ghalhekk qed titlob l-awtorizzazzjoni tal-Qorti sabiex tkun tista’ illum tezegwixxi dak ordnat mill-Qorti fis-sena 2001 kontra l-eredi tal-mejjet zewgha.

Fl-affidavit taghha[2] l-attrici tispjega illi E B kien miet bla testment[3]. Peress li l-konjugi B kienu iddekadew milli jirtu lil xulxin ai termini tal-imsemmija sentenza, skond il-ligi wirtuh iz-zewg ulied tal-partijiet, Ian u Emilio B. Izda dawn it-tnejn irrinunzjaw ghal wirt ta’ missierhom. Mill-genituri ta’ E B kien ghad baqa’ hajja ommu li bir-rinunzja tal-ulied kienet tiret lil binha hi. Izda omm E B ukoll irrinunzjat ghall-wirt ta’ E B. Kien ghalhekk illi l-wirt ta’ E B kellu jiddevolvi fuq ohtu unika il-konvenuta C Falzon Scerri.

[1] Fol. 48
[2] Fol. 21
[3] Ara ricerki testamentarji a fol. 23

L-attrici tispjega li intavolat dawn il-proceduri sabiex tirkupra l-ispejjez gudizzjarji kif kien gie ordnat fis-sentenza imsemmija u li sallum baqghet ma thallsitx.

Fix-xhieda taghha in kontro-ezami l-konvenuta ikkonfermat illi hija ma kenitx irrinunzjat ghall-wirt ta' huwa E B.[4] Xehdet pero' li z-zewg vetturi li jinsabu fil-pussess taghha u li kienu jappartjenu lid-decujus qatt ma uzathom u li kienu minghajr number plates. Tghid li hija qatt ma hadet xejn mill-wirt li kien jispetta lil huwha derivanti mill-wirt ta' missierhom.

Emilio B, wiehed minn ulied id-decujus, xhed illi wara li miet missieru fis-17 ta' Marzu 2002, il-konvenuta u omm id-decujus, Rita B, kienu hadu lilu u lil huh ghand l-awditur tal-kumpanija B Holdings Limited li fiha id-decujus kien azzjonist u direttur. Huma gew informati bid-dejn kbir li kien hemm. Hu u huh kienu inghataw parir mill-Avukat taghhom sabiex jirrinunzjaw ghall-wirt ta' missierhom kif fil-fatt ghamlu. Fl-affidavit tieghu Emilio B spjega illi l-konvenuta zammet ghandha zewg vetturi li kienu jappartjenu lil missieru u cioe' vettura Volvo 760GLE u vettura Triumph TR7. Jghid ukoll illi l-konvenuta kienet hadet id-dehebijiet u l-arloggi li kellu id-defunt E B, haga li giet kontestata mill-konvenuta. Emilio B ma giex kontro-ezaminat. Il-Qorti qed tqis li dak li xhed huwa minnu fis-sens illi assi ereditarji appartenenti lil E B inzammu fil-pussess tal-konvenuta wara mewtu.

Il-fatt li l-konvenuta ma irrinunzjatx ghall-wirt ta' huwha meta kienet taf illi bir-rinunzja da parti ta' uliedu u ta' ommu il-wirt kien ser jiddevolvi fuqha u bil-fatt ukoll li konxjament zammet ghandha assi ereditarji tad-defunt, ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fil-gudizzju jekk il-konvenuta accettatx il-wirt ta' huwah.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, l-attrici tinvoka l-artikoli 862 (1), 863 (1) u 812 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tissottometti illi l-konvenuta, qua l-uniku qarib kollaterali dirett tad-defunt, hija meqjusa bhala l-werrieta universali tal-mejjet E B bil-konsegwenza li ghandha taghmel tajjeb ghad-dejn tieghu. Ghalkemm il-konvenuta qed tikkontendi li ma hiex il-werrieta ta' huwha, bil-fatt li zammet ghandha assi li kienu jappartjenu lil huwha abbinat mal-fatt li ma rrinunzjatx ghall-wirt ta' huwha meta kienet taf li l-wirt qed jiddevolvi fuqha b'konsegwenza tar-rinunzja da parti ta' ommha u tan-nepputijiet taghha, iwasslu lil din il-Qorti tikkonkludi li verament il-konvenuta hija l-werrieta universali ta' huwha E B. Fattur iehor li jikkonducu lil din il-Qorti tikkonkludi li l-konvenuta accettat il-wirt ta' huwa l-fatt illi f'kawza li kien istitwixxa missierha sabiex jiehu il-legittima mill-wirt ta' missieru, allura n-nannu tal-konvenuta, il-konvenuta, wahedha assumiet l-atti wara l-mewt ta'

[4] Fol. 91

missierha attur f'dik il-kawza minghajr ma ghamlet l-ebda rizerva. Fix-xhieda taghha spjegat li b'dawk il-proceduri hija kienet qed tippretendi li tiehu is-sehem fl-intier tieghu li kien jispetta lil missierha. Tenut kont li l-konvenuta ma hiex wild uniku ta' missierha, jidher bic-car ili f'dawk il-proceduri hija kienet qed tagixxi sew bhala eredi ta' missierha ghal nofs indiviz u sew bhala eredi ta' huwha ghan-nofs indiviz l-iehor.

Artikolu 850 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi l-accettazzjoni ta' wirt tista' tkun espressa inkella tacita. Hija tacita meta l-werriet jaghmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jacceta l-wirt u li ma kienx ikollu l-jedd jaghmel hekk jekk mhux bhala werriet. L-atti spjegati *supra* maghmula mill-konvenuta fir-rigward juru li verament il-konvenuta accettat il-wirt ta' huwha li iddevolva fuqha wara li ulied u omm id-decujus irrinunzjaw ghall-wirt.

Kemm il-konvenuta accettat il-wirt ta' huwha huwa rifless bl-aktar mod skjaccanti fir-risposta taghha a fol. 48. fejn testwalment tissottometti illi hi "…**m'hijiex l-unika eredi** tal-mejjet E B stante li l-istess E B kellu wkoll l-ulied" (sottolinear tal-Qorti). Il-Qorti qed tqis li tali dikjarazzjoni abbinat mal-fatti esposti *supra* ma jhallu l-ebda dubju illi effettivament il-konvenuta accettat il-wirt ta' huwa E B u li tikkonsidra ruhha bhala werrieta ta' huwah. Ghalhekk fil-vesti taghha ta' werrieta unika tieghu ghandha mhux biss id-dritt li tgawdi l-assi u d-drittijiet patrimonjali li kienu jappartjenu lilu izda wkoll li taghmel tajjeb ghad-dejn li kien isejjah lilu.

Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet '**Professur Joseph Galea vs Dr Antonio Bonnici'** deciza fis-6 ta' Novembru 1961 (presjeduta mill-Prim Imhallef Sir Anthony Mamo):

> "….dak li jaccetta jikseb wahdu l-jeddijiet kollha u jiehu fuqu l-pizijiet kollha tal-wirt."

Dwar l-eccezzjoni tal-konvenuta rigwardani l-preskrizzjoni din il-Qorti qed tiskartaha in kwantu ma giex specifikat liema artikolu tal-ligi l-konvenuta qed tinvoka fir-rigward.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, tilqa’ t-talbiet attrici bil-mod kif ser jinghad:-

1. Bis-sahha tal-artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta tawtorizza lill-attrici sabiex tezegwixxi t-titolu ezekuttiv taghha kontra l-konvenuta derivanti mis-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili tal-5 ta’ Ottubru 2001 fl-ismijiet A B vs E B.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

# < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------